MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 4/2011

**Talba Numru: 476/2009**

**Joseph Micallef (270650M)**

**vs**

**International Trading Company Limited (C 10187)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-25 ta' Mejju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 ta' Novembru 2009 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni tal-prezz li hallas ta' Gas Hob l-ammont ta' tliet*

*mija u tlieta u disghin ewro (€393), li wara li nxtara u ntuza biex jigi mixwi l-hobz, il-hgiega nkissret.*

*L-intimat ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tal-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi huwa xtara Gas Hob tal-hgieg f'Jannar 2009 u f'Settembru 2009 waqt li kienu qed isajru toast fuq il-cooker, wara ftit kien hemm spluzjoni u l-hgiega tal-hob splodiet u ghalhekk qed jitlob il-flus lura*

*L-intimat issottomettiet bil-miktub illi skont il-garanzija moghtija lir-rikorrent ma jistghux jintuzaw affarijiet tal-plastik jew tal-aluminium fuq dan il-hob tal-hgieg u ghalhekk gara dak li gara*

***It- Tribunal jinnota illi:-***

*Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi l-garanzija kienet cara bizzejjed u spjegata bizzejjed x'ghandek u x'ma' ghandekx tuza, ghalkemm forsi kien hemm xi nuqqas mill-parti tal-intimat biex jispjega fid-dettal l-uzu ta' dan il-hob, pero' xorta r-rikorrent kellu bizzejjed zmien sabiex jara l-garanzija u l-uzu ta' dan il-hob.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, qieghed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Micallef datat 14 ta' Gunju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u

thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi u bl-imghaxijiet kontra l-istess s-socjeta` konvenuta appellata.

Rat li minkejja li s-socjeta` intimata giet notifikata bir-rikors tal-appell u bl-appuntament tas-smigh tal-appell kif jidher mir-riferti datati 16 ta' Gunju 2011 u 19 ta' Awwissu 2011 rispettivament baqghet ma pprezentat l-ebda risposta tal-appell.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Novembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Paul Gauci Maistre ghall-appellant prezenti. Is-socjeta` appellata u Dr. Malcolm Mifsud msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Gauci Maistre ttratta l-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet premessi datata 25 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) d-decizjoni hija kontadittorja fiha nfisha; (b) li ma hemmx motivazzjoni sufficjenti skond il-ligi u dan anke peress ghalkemm it-tezi tas-socjeta' konvenuta appellata, id-decizjoni ma ssegwix it-tezi tal-istess socjeta' konvenuta appellata, u dan ghaliex ghalkemm inghad li r-rikorrenti kellu zmien bizzejjed sabiex jara u jezamina l-garanzija, fil-fatt il-garanzija ma mkien ma tghid li t-*toaster* ma setghetx tintuza fuq il-*hob*, meta tali *toaster* ma kinitx la tal-*plastic* u lanqas tal-*foil*, li kienu materjali li fil-fatt il-garanzija ma kienitx tkopri l-uzu taghhom fuq il-*hob* in kwistjoni b'dan

ghalhekk li d-decizjoni hija fil-motivazzjoni taghha *non-sequitur*.

Illi din il-Qorti thoss li ftit hemm xi tghid fuq dawn l-aggravji fis-sens li fil-verita' d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur ma ghandha l-ebda sens legali ghaliex qed tghid li l-appellanti kellu zmien bizzejjed sabiex jezamina tali garanzija li s-socjeta' appellata tat fuq il-*hob* mertu tal-kawza odjerna, u b'hekk timplika li l-appellant ma uzax l-istess *hob* abbazi tal-istruzzjonijiet dwar l-istess, f'dan il-kaz l-uzu ta' *toaster* fuq il-*hob*, meta fil-fatt l-istess istruzzjonijiet tal-*hob* bl-ebda mod ma jillimitaw jew jipprojbixxu dan l-uzu; fil-fatt jinghad li l-unika projbizzjoni relevanti ghall-kaz odjern hija dik li tghid *"Never use plastic or aluminium foil dishes on the hob"* u ma hemm ebda prova li l-appellant jew rikorrenti uza plastik jew *foil dishes* fuq il-*hob*.

Illi allura meta l-istess Tribunal sostna li *"jikkonsidra illi l-garanzija kienet cara bizzejjed u spjegata bizzejjed x'ghandek u x'ma ghandekx tuza, ghalkemm forsi kien hemm xi nuqqas mill-parti tal-intimat biex jispjega fid-dettal l-uzu ta' dan il-hob, pero' xorta r-rikorrent kellu bizzejjed zmien sabiex jara l-garanzija u l-uzu ta' dan il-hob"* dan certament lanqas jaghmel sens fic-cirkostanzi attwali u t-Tribunal kellu quddiemu u ghalhekk din il-Qorti thoss li kull kumment iehor huwa superflu u dan iwassal sabiex din il-Qorti tiddikjara l-istess decizjoni bhala nulla u bla effett ghall finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan ghaliex ma hemm l-ebda rabta bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni nnifisha skond kid gie deciz fis-sentenza **"Rose Loftus et vs Ray Mallia (Blye Engeneering Co. Ltd"** (A.I.C. – 9 ta' Lulju 1999).

Illi stabbilit dan, skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 22 tal-Kap. 378** issa l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawza skond dak provdut fl-**artikolu 21 tal-Kap. 378** skond il-mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz u l-ekwita'.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li waqt li l-appellant kien qed juza *hob toaster* tal-hadid jew *mild steel* fuq il-*hob* u dan waqt il-perjodu ta' garanzija u l-hgiega tal-*hob*

splodiet u ghalhekk jirrizulta li waqt li l-appellant kien qed juza l-istess *hob* kif indikat u bhala bonus pater familias, il-*hob* tkissret u splodiet u allura l-istess *hob* kien difettuz ghaliex kien ukoll affett minn difett latenti *ai termini* tal-**artikolu 1427 tal-Kap. 16,** (**"Joseph Cefai vs Carmelo Petroni et nomine"** – 28 ta' Gunju 1957) ghalhekk hija ghandha dritt li tigi rifuza l-prezz tal-istess fl-ammont ta' €393.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellata International Trading Company Limited.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **filwaqt li tilqa' r-rikors tal-appell tal-appellant fir-rikors tal-appell tieghu datat 14 ta' Gunju 2011, tannulla u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet premessi "Joseph Micallef vs ITC International Trading Company Ltd." datata 25 ta' Mejju 2011 (Avviz Numru CCT 476/09) ghaliex hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u minflok tiddeciedi billi fil-waqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' appellata quddiem l-istess Tribunal ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, tilqa' t-talba tal-appellanti quddiem l-istess Tribunal u tordna lis-socjeta' appellata ITC International Trading Company Ltd thallas u tirrifondi lill-appellant Joseph Micallef is-somma ta' tliet mija u tlieta u disghin ewro (€393) rapprezentanti prezz ta' *gas hob* ghaliex l-istess kien affett minn difett latenti kif hawn deciz.**

**Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellata International Trading Company Limited**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------